



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

---

**2010/2307(INI)**

21.3.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar Żgħażaġħ Attivi: qafas biex jittejbu s-sistemi Ewropej ta' edukazzjoni u taħriġ  
(2010/2307(INI))

Rapporteur għal opinjoni (\*): Jutta Steinruck

(\*): Proċedura b'kumitati assoċjati – Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-objettiv tal-inizjattivi kollha għandu jkun dak li jagħti direzzjoni liż-żgħażaġh kollha ħalli jkunu integrati b'suċċess fis-soċjetà u biex jippreparahom fuq bażi kontinwa fl-Ewropa tal-ġejjieni, jiġifieri li jingħataw ukoll l-opportunitajiet biex jidħlu għal attivitajiet soċjali u jgħinu jiffurmaw is-soċjetà u li jsir possibbli li ż-żgħażaġh kollha jiggwadanjaw mill-benefiċċji li joffru edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni oġhla u dik mhux formali, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u t-taħriġ ulterjuri li jqiegħed tensjoni fuq l-ilħuq tar-rekwiżiti ta' soċjetà moderna, kompetittiva, inklużiva u sostenibbli, sabiex jithaffilhom il-proċess biex jidħlu fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-ebda żaġhżuġh jew żaġhżuġha m'għandhom jitolfu l-possibilità ta' ħajja ta' xogħol jekk, għal kwalunkwe raġuni, ikunu ħabbtu wiċċhom ma' problemi waqt il-mixja edukattiva tagħhom, iżda dawn iż-żgħażaġh għandhom jingħataw appoġġ immirat; jindika li l-aċċess għall-edukazzjoni m'għandux jiddependi fuq l-isfond soċjali jew is-sitwazzjoni finanzjarja tal-ġenituri taż-żaġhżuġh jew żaġhżuġha; jenfasizza l-importanza partikolari li jkun hemm mobilità orizzontali f'kull livell tal-edukazzjoni, kemm fl-edukazzjoni skolastika, kif ukoll f'dik vokazzjonali;
2. Jirrikonoxxi r-rwol tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fil-qasam tat-taħriġ u l-mobilità; hu tal-fehma li l-kompetenzi u l-esperjenza tagħhom għandhom jitqiesu kumplimentari għall-azzjoni tal-UE; jenfasizza li, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha, l-UE għandha tiżviluppa approċċ ta' sħubija, l-aktar mal-awtoritajiet lokali u reġjonali;
3. Jenfasizza li, għaż-żgħażaġh, is-sitwazzjoni tal-impjiegi tiddependi fuq il-politiki ekonomiċi ġenerali; iħeġġeġ lill-Istati Membri jersqu lejn l-investimenti u l-ħolqien tal-impjiegi; jindika li l-miżuri ta' awsterità, ngħidu aħna, bi tnaqqis fil-baġits tas-sistema edukattiva u f'dak għall-ħolqien tal-impjiegi, ma jgħinix liż-żgħażaġh u jistgħu jagħmlu ħsara lis-soċjetà u l-ekonomija fuq medda itwal ta' żmien;
4. Jenfasizza l-ħtieġa li jitnaqqas l-ammont ta' studenti li jitolqu mill-iskola prematurament, partikolarment f'żoni żvantaġġati;
5. Jenfasizza li, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika u finanzjarja, il-qgħad fost iż-żgħażaġh – li skont l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol mhux ikkawżat mil-livelli tad-dħul u tal-ispejjeż tax-xogħol mhux marbutin mas-salarji, mid-drittijiet tal-parteċipazzjoni u mill-istandards tas-sigurtà soċjali – sar sfida kbira mifruxa mal-UE kollha, u sal-lum għadu ma ġiex indirizzat biżżejjed mill-UE u mill-Istati Membri; jenfasizza li, fuq tul ta' żmien, il-qgħad f'età żgħira jpoġġi lill-individwu f'riskju tassew għoli tal-faqar; jenfasizza l-bżonn ta' impjiegi ta' kwalità sabiex jipprevjenu liż-żgħażaġh milli jaqgħu fil-kategorija ta' dawk li jibqgħu f'qar minkejja li jaħdmu; jenfasizza li l-kuntratti tax-xogħol u tat-taħriġ għandhom jipprovdu drittijiet soċjali għal kulħadd sa mill-ewwel jum tax-xogħol; jirrifjuta kwalunkwe proposta li titbiegħed minn dan il-prinċipju; jenfasizza li l-perijodi ta' preavviż dwar tmiem ta' impjeg m'għandhomx jitqassru, li l-arranġamenti stabbiliti fil-ftehimiet kollettivi u d-dispożizzjonijiet statutorji għandhom japplikaw l-istess bħall dawk ta'

ħaddiema regolari, u li d-drittijiet parteċipatorji u l-libertà ta' assoċjazzjoni għandhom ikunu applikati bla restrizzjonijiet sa mill-ewwel jum tax-xogħol; jitlob għal qafas tal-UE li jistabbilixxi d-drittijiet u l-arranġamenti ta' protezzjoni għal impjiegi atipiċi u prekarji waqt li jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà; jenfasizza li ż-żgħażaġh għandhom ikunu protetti mid-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol, speċjalment minħabba l-età u l-esperjenza professjonali tagħhom, bis-saħħa tal-implimentazzjoni effikaċi tad-Direttiva 2000/78/KE; jistieden lill-Istati Membri kollha jiffurmaw strateġija nazzjonali biex jiġi affrontat il-qgħad fost iż-żgħażaġh;

6. Jenfasizza li t-tfassib ewlieni taż-żgħażaġh huwa li jkunu awtonomi u li jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa u għal akkomodazzjoni diċenti bi prezz raġonevoli, filwaqt li jkunu jistgħu jitħarrġu, jaħdmu u jiżviluppaw lilhom infushom; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jneħħu d-diskriminazzjoni relatata mal-età rigward l-aċċess għal skemi ta' assistenza soċjali;
7. Itenni l-importanza ta' objettivi speċifiċi u verifikabbli assoċjati ma' mezzi finanzjarji adegwati għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija UE 2020 u tal-linji gwida integrati biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh; jenfasizza, għalhekk, li l-Istati Membri fil-Programmi tar-Riforma Nazzjonali tagħhom għandhom jikkommettu ruħhom biex, sal-2014, iżidu b'10% r-rata tal-impjiegi fost iż-żgħażaġh ta' bejn il-15 u l-25 sena; biex, sal-2020, iżidu r-rata tal-impjiegi fost iż-żgħażaġh (għal dawk li mhumiex f'xi istituzzjoni edukattiva) għal 75%; jinnota li, peress li, sal-2020, madwar 35 % tal-impjiegi kollha li jsiru disponibbli se jkunu qed jitolbu kwalifiki għolja flimkien mal-ħila ta' adattabilità u innovazzjoni, għandhom isiru sforzi intensivi biex jiżdied il-proporzjon ta' persuni bejn it-30 u l-34 b'lawrija universitarja jew bi kwalifika ekwivalenti għal mill-inqas 40%. jirrikonoxxi li l-implimentazzjoni tal-linji gwida integrati hija fir-responsabilità tal-Istati Membri, filwaqt li l-Kummissjoni għandha tappoġġa u tikkontrolla l-azzjoni fuq livell nazzjonali permezz tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni (MMK); hu tal-fehma li l-gruppi fil-mira u l-indikaturi proposti mill-Kummissjoni fl-inizjattiva għandhom jiġu ssorveljati u li l-progress li jkun sar matul l-implimentazzjoni għandu jitkejjel permezz ta' indikaturi ċari;
8. Hu tal-fehma li l-mobilità għall-kisba ta' ħiliet ġodda hija għodda b'saħħitha sabiex jitjiebu l-ħiliet u l-kompetenzi, l-iżvilupp personali u ċ-ċittadinanza attiva taż-żgħażaġh; hu tal-fehma li l-mobilità volontarja fil-qafas tal-edukazzjoni skolastika u t-taħriġ vokazzjonali, it-taħriġ ulterjuri u l-edukazzjoni oġhla għandha għalhekk tkun promossa għaż-żgħażaġh kollha, irrispettivament mill-isfond finanzjarju, soċjali u etniku tagħhom, it-tip ta' edukazzjoni jew taħriġ li qed jieħdu, id-diżabilitajiet, il-problemi ta' saħħa jew is-sitwazzjoni ġeografika tagħhom, u għandha titħeġġeġ minn gwida u konsulenza professjonali li titqiegħed għad-dispożizzjoni matul il-proċess kollu; jenfasizza li l-mobilità m'għandhiex tbaxxi l-istandards soċjali fil-pajjiż ospitanti; jenfasizza l-importanza għaż-żieda tal-mobilità tar-rikonoxximent reċiproku taċ-ċertifikati tal-iskola, tat-taħriġ vokazzjonali u tal-università, u tal-kwalifiki ta' taħriġ ulterjuri, miksuba fl-UE; jitlob implimentazzjoni xierqa tal-ECVET, l-EQF u l-ECTS; jagħmilha ċara li r-rikonoxximent reċiproku pprovat għandu jingħata fl-ewwel 12-il xahar mid-data meta tinkiseb il-kwalifika; jindika li l-Parlament għandu jżomm ruħu regolarment informat bis-saħħa tal-indikaturi tal-mobilità;

9. Jenfasizza li għandha tissaħħaħ il-ġibda tal-mobilità u li l-appoġġ finanzjarju għandu jkun wiesa' u biżżejjed, u għandha tingħata attenzjoni speċjali lil dawk l-aktar żvantaġġati; jisħaq li din il-pożizzjoni għandha tiġi riflessa fil-perspettivi finanzjarji li jmiss; jitlob, bil-għan li titjeb il-mobilità fit-taħriġ, biex jiżdied il-baġit tal-Programm Leonardo;
10. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-mobilità fit-tagħlim u l-impjiegi billi: a) iżidu s-sensibilizzazzjoni u l-aċċessibilità tal-informazzjoni għaż-żgħażaġh kollha interessati, b) jenfasizzaw il-valur miżjud tal-mobilità fl-istadji bikrin tal-edukazzjoni, c) jassiguraw il-validità tar-risultati tat-tagħlim mill-esperjenzi tal-mobilità bejn l-Istati Membri, d) inaqqsu l-piżijiet amministrattivi u jstimolaw il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri kollha;
11. Jistieden lill-Kummissjoni tiffaċilita l-mobilità fit-tagħlim u fl-impjiegi billi: a) issaħħaħ il-programmi tal-UE rigward l-edukazzjoni u ż-żgħażaġh, bħall-Erasmus, Leonardo, u Żgħażaġħ fl-Azzjoni, b) ittejjeb l-implimentazzjoni tal-istrumenti u l-għodod Ewropej eżistenti, bħas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) u l-Europass, c) tiżviluppa l-għodod ġodda li diġà eżaminat, bħall-websajt taż-Żgħażaġħ Attivi, it-tessera taż-Żgħażaġħ Attivi, il-passaport Ewropew tal-ħiliet u l-proġett pilota 'L-ewwel impjeg EURES tiegħek';
12. Jenfasizza li l-adattament tas-sistemi edukattivi u t-taħriġ vokazzjonali mal-ħiliet li se jkollu bżonn is-suq tax-xogħol fil-ġejjieni huwa importanti ħafna biex jingħeleb il-qgħad fost iż-żgħażaġh, u għalhekk it-tranżizzjoni mill-iskola, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali jew l-edukazzjoni ogħla għall-impjiegi għandha titħejja aħjar u ssegwi direttament l-edukazzjoni jew it-taħriġ; hu tal-fehma li għandha tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, is-setturi differenti tas-suq tax-xogħol u dawk li jħaddmu, ngħidu aħna, billi speċjalisti f'diversi oqsma jagħtu lezzjonijiet jew seminars biex jiffamiljarizzaw lill-istudenti max-xogħol li jkunu se jibdeu jagħmlu; jenfasizza għalhekk l-importanza ewlenija li għandha l-implimentazzjoni effikaċi tal-inizjattiva tal-'Garanzija Ewropea għaż-Żgħażaġħ' u li din issir għodda għal integrazzjoni attiva fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-Istati Membri sal-lum għadhom ma impenjawx ruħhom b'mod konvinċenti li se jimplementaw il-Garanzija Ewropea għaż-Żgħażaġħ u jistedinhom jagħmlu hekk malajr; jenfasizza li għandu jkun hemm rabta mill-qrib bejn l-inizjattivi emblematiċi li għandhom l-għan li jaffrontaw il-qgħad, bħalma huma l-inizjattivi "Żgħażaġħ Attivi" u "Ħiliet Ġodda għal Impjiegi Ġodda"; jemmen li s-sħab soċjali, ir-rappreżentanti kummerċjali, l-awtoritajiet lokali u reġjonali u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' strateġija sostenibbli biex jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażaġh, fejn għandu jkun hemm rikonoxximent u ċertifikazzjoni formali u reċiproki, li jkopru l-UE kollha, tal-kompetenzi rikonoxxuti fil-kwalifiki formali u informali f'konformità mas-sistema tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki tal-UE u miksuba matul sitwazzjonijiet ta' tagħlim formali, mhux formali u informali;
13. Hu tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jipprovdu l-informazzjoni, l-għażla u t-taħriġ kollha possibbli biex jgħinu liż-żgħażaġh iwettqu l-potenzjal tagħhom, iżda jemmen bil-qawwa li dan kollu l-aħjar jingħata minn nies li jaħdmu fuq il-post lokalment f'kull Stat Membru,

14. Hu tal-fehma li għandhom jiġu żviluppanti aktar is-servizzi ta' gwida għall-karriera u għall-orjentament vokazzjonali ta' kwalità; jenfasizza l-importanza li jiġu involuti s-sħab soċjali fit-tfassil, l-organizzazzjoni, il-forniment u l-iffinanzjar tagħhom sabiex jiġu assigurati r-relevanza u l-effikaċja tagħhom għas-suq tax-xogħol;
15. Jenfasizza l-importanza, f'termini ta' responsabilità soċjali korporattiva, tal-ghajjnuna liż-żgħażaġh biex jagħżlu karrieri xierqa għalihom, billi jitqiesu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol kemm nazzjonali kif ukoll Ewropew, u jistqarr li inizjattivi simili jistgħu jkunu akkumpanjati minn esperjenzi prattiċi ta' xogħol;
16. Hu tal-fehma li l-għażliet tax-xogħol għandhom ibbażati ħafna skont is-sessi, u li dan huwa komponent li jżid l-inugwaljanza tas-sessi; jenfasizza li dan għandu impatt fuq il-qgħad u l-faqar fost in-nisa; jenfasizza li għandha tispiċċa d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sessi; jenfasizza li għandhom jittieħdu miżuri biex tkun ippreżentata stampa ġenerali tal-mogħdijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, u tal-karrieri li jistgħu jintgħażlu 'l quddiem, ngħidu aħna, bil-ghajjnuna ta' konsulenti speċjalizzati fl-ugwaljanza, u li għandu jsir tentattiv biex il-bniet, sa minn età ċkejna, jibdew jinteressaw ruħhom u jiġu appoġġati, b'mod partikulari, fil-Matematika, l-Informatika, ix-Xjenzi Naturali, u t-Teknoloġija u f'oqsma ta' importanza strateġika għal dak li għandu x'jaqsam mal-żvilupp professjonali, u għas-subien fil-professjonijiet soċjali, tat-tagħlim u tal-kura; jenfasizza li, fid-dawl ta' nuqqas ta' ħaddiema tas-sengħa fil-ġejjieni, għandhom jittieħdu miżuri speċifiċi li jrawmu l-potenzjal tal-bniet u tan-nisa permezz ta', b'mod partikulari, programmi speċifiċi li jagħtu appoġġ u li jinkoraġġixxu t-tħejjija tal-bniet għal professjonijiet xjentifiċi u tekniċi;
17. Jenfasizza li ż-żgħażaġh qed ikunu obbligati jagħżlu minn medda dejjem tikber ta' possibiltajiet ta' taħriġ; iqis li huma għandhom jinżammu aġġornati regolarment bil-żviluppi fis-suq tax-xogħol, sabiex ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq l-iżvilupp tal-ħiliet li huma tabilħaqq meħtieġa, bil-għan li l-ebda żaġħżuġh jew żaġħżuġha li jtemmu l-iskola jew it-taħriġ tagħhom ma jispiċċaw bla xogħol u li t-tranżizzjoni bejn il-ħajja edukattiva u dik tax-xogħol tkun waħda armonjuża;
18. Jistieden lill-Istati Membri, bil-kooperazzjoni tas-sħab soċjali, jinkorporaw b'aktar effikaċja t-taħriġ vokazzjonali fl-edukazzjoni sekondarja, ladarba hemm inugwaljanzi ewlenin bejn l-Istati Memrbi rigward il-livell ta' parteċipazzjoni u organizzazzjoni f'dan il-qasam; jinnota li dan jista' jikkontribwixxi sewwa għall-ksib tal-oġġettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020 bit-tnaqqis tar-rati ta' dawk li jtilqu mill-iskola prematurament u tal-livelli tal-qgħad; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-iskambji tal-prattiki tajbin bis-saħħa tal-metodu miftuħ tal-koordinazzjoni;
19. Jenfasizza l-importanza ta' arranġamenti ta' taħriġ flessibbli bħalma huma l-universitajiet miftuħa u aktar użu ta' faċilitajiet onlajn ta' edukazzjoni ulterjuri, biex iż-żgħażaġh kollha jingħatalhom aċċess għal standard għoli ta' edukazzjoni li jwassalhom għal livell avvanzat u jiġi żgurat li mhumiex se jkunu mċaħħda minn din l-opportunità minħabba d-distanzi jew it-tqassim tal-ħin; iqis li, minħabba d-dħul ittardjat taż-żgħażaġh fis-suq tax-xogħol u l-problemi fl-iżgurar tas-sostenibilità fl-iskemi tas-sigurtà soċjali, huwa importanti ħafna li jinħolqu l-kondizzjonijiet xierqa biex dak li jkun jgħaqqad ħajja ta' studju u ta' xogħol;
20. Jenfasizza li l-miżuri attivi għas-suq tax-xogħol ikkoordinati mill-UE, bħalma huma l-programmi tax-xogħol għaż-żgħażaġh iffinanzjati mis-settur pubbliku, u l-ħolqien ta'

impjiegi ġodda, sostenibbli u tajbin - bir-remunerazzjoni kif support - u negozji ġodda, kif ukoll il-promozzjoni ta' kultura kummerċjali fl-iskejjel, inċentivi għal inizzjattivi ġodda, l-assistenza teknika għal negozji ġodda, is-semplifikazzjoni amministrattiva li tkun tħaffef il-formalitajiet, in-netwerks tas-servizz lokali li jiffaċilitaw l-immaniġġjar, u l-kuntatti mal-universitajiet u maċ-ċentri tar-riċerka li jippromwovu l-innovazzjoni tal-prodotti u tal-proċessi, ir-rikonoxximent tax-xogħol volontarju bħala esperjenza professjonali u l-promozzjoni tal-intraprenditorijat huma elementi essenzjali biex ikun affrontat il-qgħad fost iż-żgħażaġh u biex ikun appoġġat l-iżvilupp inklussiv; jenfasizza li l-fondi tal-UE li huma disponibbli għaż-żgħażaġh minn strumenti bħall-Fond Soċjali Ewropew (FSE), il-programmi ta' mobilità (Erasmus, Socrates, Leonardo) u l-programm YOUTH għandhom jitħaddmu b'mod aktar effikaċi, aċċessibbli, trasparenti u jkunu aktar ikkoordinati, minħabba li d-diversità tal-fondi tagħmilha diffiċli biex l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh ikollhom aċċess għal fondi li jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li l-finanzjament għaż-żgħażaġh ikun faċilment aċċessibbli, ikun ġestit minn voluntiera u organizzazzjonijiet żgħar fejn japplika, u jippermetti l-iffinanzjar ta' miżuri predominanti li jintegraw diversi dimensjonijiet bħalma huma l-impjiegi, il-mobilità, l-integrazzjoni soċjali u l-attivitajiet kulturali;

21. Jilqa' r-rwol ikbar li qed jiżvolġi l-BEI biex jistabbilixxi programmi ta' finanzjament għall-istudenti kif ukoll l-appoġġ li qed jagħti liż-żgħażaġh biex iwaqqfu n-negozji tagħhom; jemmen li l-BEI għandu jkabbar l-irwol tiegħu billi jinvesti b'mod selettiv fis-setturi ta' valur miżjud għoli fl-Istati Membri u l-aktar f'dawk l-impriżi li qed jagħmlu l-ikbar sforzi biex jimpjegaw liż-żgħażaġh waqt li jagħtuhom taħriġ ta' kwalità;
22. Jenfasizza li ż-żgħażaġh li għandhom inqas ċansijiet biex jibdew il-ħajja, b'enfasi speċjali fuq il-grupp NEET (Barra mill-Edukazzjoni, Impjieg jew Taħriġ), għandhom ikunu appoġġati jew saħansitra mmexxija skont il-bżonnijiet individwali tagħhom, bil-għan li tiżdied l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u l-aċċess tagħhom għal xogħlijiet ta' kwalità; iqis li l-postijiet ta' taħriġ b'xejn ifffinanzjat pubblikament u sistema standardizzata ta' assistenza ta' taħriġ jistgħu jkunu strumenti effikaċi għall-integrazzjoni taż-żgħażaġh li huma partikolarment żvantaġġati; jenfasizza madankollu li l-integrazzjoni fl-ewwel suq tax-xogħol hija essenzjali u li kwalunkwe miżura ta' integrazzjoni għandha tkun immirata għad-dħul fis-suq tax-xogħol regolari, minn stadju bikri 'l quddiem, bħala prerekwiżit, u li jeħtieġu li jkunu appoġġati b'miżuri t'appoġġ li jiffokaw fuq il-bżonnijiet tal-individwi; jenfasizza d-diffikultajiet speċifiċi li jsibu żgħażaġh foqra biex jagħmlu esperjenza barra pajjiżhom minħabba limitazzjonijiet finanzjarji u lingwistiċi, u f'xi każijiet id-diskriminazzjoni tal-post minħabba d-distanza; hu konvint li l-appoġġ finanzjarju jrid jindirizza speċjalment il-bżonnijiet ta' dawk l-aktar żvantaġġati;
23. Jenfasizza l-importanza li jinħolqu opportunitajiet għaż-żgħażaġh b'diżabilità, billi jiġu stabbiliti programmi ta' taħriġ adattati b'mod xieraq, u jiġu promossi iktar għajnuniet għar-reklutaġġ f'dan is-settur importanti tal-popolazzjoni żaġhżuġha, fl-interess ta' aktar inklużjoni u kiswa għaż-żgħażaġh fis-soċjetà; jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jappoġġaw il-kampanji tal-informazzjoni dwar il-possibilitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ għaż-żgħażaġh b'diżabilità, bħal, ngħidu aħna, il-proġett "Exchange Ability", żviluppat mill-Forum Ewropew għall-Persuni b'Diżabilità, u n-Netzwerk għall-Istudenti tal-programm Erasmus;

24. Jenfasizza li l-programm ta' ħidma tal-2009-2012 tal-Eurofound jinkludi l-proġett speċifiku 'Inklużjoni attiva għal żgħażaġh b' diżabilitajiet jew bi problemi ta' saħħa', u jindika r-rwol kruċjali taċ-ċentri ta' taħriġ li joffru taħriġ dwar ħliet soċjali u professjonali għal żgħażaġh b' diżabilitajiet u dawk li trabbew taħt kura istituzzjonali; jitlob l-appoġġ għall-iżvilupp u l-użu ta' dawn iċ-ċentri ta' taħriġ fejn meħtieġa;
25. Jenfasizza l-hteġa li jittieħdu miżuri biex jikkjarifikaw għal kollox is-sitwazzjoni flivell nazzjonali u Ewropew rigward iż-żgħażaġh li huma qiegħda u li mhux qed isegwu programmi edukattivi jew ta' taħriġ; jistieden lill-Kummissjoni tikkopera mal-Istati Membri biex jidentifikaw r-raġunijiet għall-marġinalizzazzjoni taż-żgħażaġh u jirrakkomandaw il-modi ta' kif jistgħu jerġgħu jintegrawhom, kif ukoll biex jittieħdu l-passi biex jirmedjaw il-problema bis-saħħa tal-kisba tal-oġettivi rilevanti matul l-għaxar snin li ġejjin, rigward l-impjegabilità u l-kompetittività tal-forza tax-xoġhol Ewropea, u rigward it-tnaqqis fir-rati ta' dawk iż-żgħażaġh li jitolqu mill-iskola prematurament;
26. Jenfasizza li l-apprendistati huma għajjnuna xierqa biex iż-żgħażaġh jieħdu d-deċiżjoni t-tajba rigward il-karriera tagħhom fl-kull stadju tal-proċess biex jintgħażel impjieg, u jisħaq fuq il-bżonn li jkunu fformulati standards minimi għal dawn il-perjodi ta' Prattika, bħal, ngħidu aħna, id-drittijiet għal paga u dawk soċjali, inklużi l-arranġamenti tal-protezzjoni soċjali u s-sigurtà soċjali, sabiex titjieb il-kwalità tal-perjodi ta' Prattika filwaqt li jkun żgurat il-valur edukattiv tagħhom; jerġa' jiddikjara li l-perjodi ta' Prattika m'għandhomx jieħdu post l-impjegi reali u għandhom ikunu strettament limitati biż-żmien; jenfasizza li hemm hteġa urġenti għal qafas ta' kwalità Ewropew legalment vinkolanti għall-perjodi ta' Prattika għal kull forma ta' edukazzjoni u taħriġ sabiex jipprevjeni lil min ikun qed jagħmel perjodu ta' Prattika milli jiġu sfruttati, u li l-Kummissjoni għandha tippreżenta pjan ta' azzjoni b'kalendarju inkluż d-deskrizzjoni ġenerali ta' kif dan il-qafas ta' kwalità se jkun qed jiġi implimentat;
27. Jitlob li l-programmi edukattivi mmirati għall-promozzjoni tal-mobilità jiġu estenzi lil hinn mill-2013 u jistieden lill-Kummissjoni żżid il-fondi allokatu għal programmi simili meta jitfasslu l-programmi qafas futuri;
28. Jenfasizza li iż-żgħażaġh għandu jingħatalhom aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali matul l-impjieg tagħhom, li jippermettilhom jitħarrġu waqt ix-xoġhol, u li l-metodu tat-tagħlim kontinwu u tul il-ħajja u l-iżvilupp professjonali għandu jkun sostnut sa mill-ewwel xoġhol tagħhom, u li l-Istati Membri iridu jintalbu jistabbilixxu sistemi għall-konsulenza indipendenti dwar it-taħriġ ulterjuri bil-ħsieb li jkun hemm garanzija li t-taħriġ ulterjuri jibda jsir sistematikament;
29. Iħeġġeġ it-twaqqif ta' lista waħda ta' universitajiet u istituzzjonijiet speċjalizzati akkreditati li tiggarrantixxi r-rikonoxximent tal-kwalifiki fl-UE kollha;
30. Jenfasizza li l-kwalità għolja tat-taħriġ inizjali edukattiv u vokazzjonali li jkopri s-snaġja' u l-professjonijiet kollha żżid l-oportunitajiet tal-impjegi għaż-żgħażaġh u fl-istess ħin tiggarrantixxi lil kull min hu fin-negozju provvista ta' ħaddiema kapaċi; jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu korpi xierqa ta' superviżjoni biex jiżguraw li jkunu qed jingħataw edukazzjoni u taħriġ ta' dan it-tip;
31. Jilqa' l-inizjattiva 'L-ewwel impjieg EURES tiegħek' biex tippromwovi l-mobilità



professionali, li għandha tkun marbuta mill-qrib mal-'Monitoraġġ tal-Postijiet Vakanti Ewropej', sabiex il-ħaddiema u dawk li jħaddmu jingħataw stampa aktar komprensiva u trasparenti tas-suq tax-xogħol tal-UE, bil-għan li l-postijiet battala jimtlew minn persuni xierqa kemm jista' jkun malajr; jindika, madankollu, li dan m'għandux iwassal għal eżodu ta' mħuħ minn ċerti partijiet tal-UE;

32. Jenfasizza l-importanza li jiġi promoss l-impreditorjat, u li ż-żgħażaġh jiġu appoġġati biex jibdew in-negozju tagħhom, u li jiġi promoss u estiż il-programm Erasmus għal Intraprendituri Żgħażaġħ; jirrakkomanda għalhekk, l-implimentazzjoni ta' kampanja ta' informazzjoni tal-UE fl-istituti tal-edukazzjoni, li tkopri l-impreditorjat, il-kapital biex jinbada negozju, it-tassazzjoni tan-negozji li għadhom jibdew, u appoġġ għat-taħriġ kontinwu;
33. Jenfasizza l-importanza tat-tagħlim mhux formali u informali u tal-edukazzjoni għall-iżvilupp taż-żgħażaġh, kif ukoll ix-xogħol volontarju; jenfasizza li l-kompetenzi miksuba mhux biss joffru liż-żgħażaġh opportunitajiet għad-dħul tagħhom fid-dinja tax-xogħol, iżda wkoll jgħinuhom jinvolve ruħhom b'mod attiv fis-soċjetà u jerfgħu r-responsabilità ta' ħajjithom, filwaqt li jstimulawhom ukoll il-ħiliet intrapreditorjali tagħhom;
34. Jenfasizza l-importanza li ż-żgħażaġh ikunu inklużi mhux biss fis-suq tax-xogħol u l-ekonomija, iżda wkoll fil-formazzjoni u l-governanza tal-futur tal-Ewropa; jitlob lill-Kummissjoni tħejji Green Paper dwar il-Parteċipazzjoni taż-Żgħażaġħ;
35. Jistieden lill-Kummissjoni żżomm Programm taż-Żgħażaġħ fl-Azzjoni separat għall-qafas finanzjarju pluriennali li ġej;
36. Jistieden lill-Kummissjoni żżid u twessa' l-parteċipazzjoni fil-programmi tal-mobilità u tagħmilhom aktar viżibbli l-aktar dawk immirati għaż-żgħażaġh, ngħidu aħna, bl-użu ta' isem wieħed li jindika l-programmi kollha li għandhom x'jaqsmu mal-mobilità, filwaqt li jiġu ppreżervati l-ispeċifitàjiet ta' kull wieħed minnhom.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.3.2011
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 41 -: 4 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Regina Bastos, Edit Bauer, Jean-Luc Bennahmias, Pervenche Berès, Philippe Boulland, David Casa, Alejandro Cercas, Marije Cornelissen, Frédéric Daerden, Karima Delli, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Nadja Hirsch, Stephen Hughes, Liisa Jaakonsaari, Danuta Jazłowiecka, Martin Kastler, Ádám Kósa, Patrick Le Hyaric, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Csaba Óry, Rovana Plumb, Konstantinos Poupakis, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Elisabeth Schroedter, Jutta Steinruck, Traian Ungureanu
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Sven Giegold, Antigoni Papadopoulou, Evelyn Regner
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Diana Wallis, Janusz Wojciechowski